**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 25 ta' Mejju 2023**

**Rikors Nru. 261/2023 GM**

**Joseph Falzon (karta tal-identita` numru 474448M)**

**vs**

**Michael Mizzi (karta tal-identita` numru 654751M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu Joseph Falzon talab lil din il-Qorti tawtorizzah jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titlu eżekuttiv hemm imsemmi ai termini tal-Art. 258 tal-Kap. 12 billi għaddew iżjed minn ħmistax-il sena minn meta seta' ġie esegwit.

Ikkunsidrat:

L-imsemmi Art. 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l- eżekuzzjoni ta' titli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titlu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258.

L-indaġni ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta hija limitata. L-uniku eżami li għandha tagħmel huwa li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu baqa' dovut, u dan permezz tal-konferma bil-ġurament tar-rikorrent. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skont l-istess artiklu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ. Huwa biss *ai termini* tal-Artikolu 259(4) f'każ ta' proċeduri mill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat (u mhux ukoll appuntat għas-smigħ) lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu.[1]

Ikkunsidrat:

Mill-eżami ta' l-atti proċesswali jirriżulta li:

(1) Il-Bank għandu titlu eżekuttiv permezz ta' sentenza fl-ismijiet Joseph Falzon v Dr. Mark Busuttil noe. (Citazz Nru. 194/04 TM) deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2005.

(2) għaddew aktar minn 15-il sena minn meta t-titolu eżekuttiv seta' jiġi esegwit.

(3) ġie kkonfermat bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li qed tintalab l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn għadu dovut, flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż

[1] HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli mogħtija minn din il-Qorti, diversament ippreseduta (RCP) fit-18 ta' April 2002.

ġudizzjarji, illum fis-somma globali ta' €166,581.17.

Fid-dawl ta' dak kollu li jissemma' qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent ipprova li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa'.

***Decide***:

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, fis-somma ta' €166,581.17.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat.

Mogħti kameralment illum 25 ta' Mejju 2023.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA